Għadna kemm temmejna ġimgħa ta' eżerċizzi għall-koppji ma' Patri Martin Cilia mssp. Okkażjoni li ħafna koppji għarfu jieħdu biex jieqfu ftit mill-ġiri tal-ħajja u jirriflettu fid-dawl tal-Kelma t'Alla fuq dak li hu veru importanti għalihom.

Din il-ġimgħa għandna **okkażjoni oħra ta' eżerċizzi għal kulħadd** ma' Patri Frankie Cini mssp. Mit-Tnejn 16 sal-Ħamis 19 ta' Marzu fis-6.00pm fil-knisja. Dritt wara jkun hemm il-Quddiesa tas-6.30pm.

Il-Laqgħa ta' Talb skont l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard mhux ser issir sabiex kulħadd ikun jista' jattendi għall-Eżerċizzi. Għaldaqstant il-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 15 t'April.

**Avviż għal dawk il-persuni li jġorru l-ktajjen/slaleb waqt il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira**

Dawk kollha li jixtiequ jieħdu sehem fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira billi jġorru ktajjen jew slaleb huma mitluba li jagħtu isimhom u dettalji oħra skont id-direttivi elenkati hawn taħt.

1. Il-persuna li ġġorr il-ktajjen/slaleb trid tkun għalqet it-tmintax-il sena.
2. Kull persuna ser tiġi mitluba tippreżenta l-karta tal-identità biex tassigura li verament tkun għalqet it-tmintax-il sena.
3. Sabiex tinżamm l-anonimità tal-persuni, dawk interessati għandhom jinkitbu biss għand Mario Bugeja fuq **21558408** / **99558408**.
4. Dawn il-parteċipanti huma mfakkra li huma personalment responsabbli għal kull ħsara fiżika, uġigħ u/jew feriti li jistgħu jġarrbu waqt li jieħdu sehem fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira bil-ġarr tal-ktajjen/slaleb.

**IL-ĦAMIS 19 TA' MARZU: FESTA TA' SAN ĠUŻEPP**

- **Pellegrinaġġ bil-mixi** minn quddiem iċ-Ċentru fl-10.15am sal-knisja parrokkjali tal-Qala fejn niċċelebraw il-Quddiesa fil-11.00am. L-Għaqda Dun Franġisk ser tipprovdi **trasport għal min jixtieq** jipparteċipa għall-Quddiesa fil-Qala imma ma jistax imur bil-mixi. Il-minibus titlaq fl-10.30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Wara, għal min jixtieq, ser immorru nieklu f'ristorant fil-qrib. Min ser juża l-minibus iċempel lil Tonina fuq 21553041/79923153 jew lil Ġuża fuq 21552326/99228906.
- **Irtir għall-gruppi ta' talb ta' Patri Piju:** fid-9.00am, fil-knisja tal-Kapuċċini, ir-Rabat. Jibda b'Quddiesa, Konferenza dwar San Piju u Via Sagra sal-11.30am. Min jogħġbu jattendi jieħu ħsieb it-trasport.
- **Laqgħa għall-anzjani** bit-tema "Il-Fidi u l-Anzjanità" fid-9.30am f'Dar Manresa. Nibdew b'Quddiesa u wara nieħdu xi ħaġa flimkien. Il-kelliem ewlieni se jkun l-Isqof Anton Teuma. Dawk li jridu t-trasport ikellmu lil Lina Mifsud fuq 99260629.
- **Iċ-Ċimiterji ser ikunu miftuħin** mis-7.00am sas-6.00pm.

**Purċissjoni Penitenzjali bl-istatwa tar-Redentur:** il-Ġimgħa 20 ta' Marzu. Tluq fil-5.30pm minn Triq Ta' Said kantuniera ma' Triq Tramuntana. Tagħlaq b'Quddiesa fiż-żona ta' Triq il-Qala.

**Via Sagra Djoċesana** mmexxija mill-Isqof Anton Teuma: il-Ħadd 22 ta' Marzu. Tluq fl-4.30pm mis-Santwarju ta' Pinu għal fuq l-Għolja ta' Għammar. Il-parroċċa se tipprovdi trasport miċ-Ċentru fit-3.30pm. Min jixtieq iħallu ismu fl-Uffiċċju Parrokkjali sa nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am

We have just finished a week of spiritual exercises for couples with Fr Martin Cilia MSSP. It was an opportunity that many couples took to pause for a moment from the rush of daily life and reflect, in the light of the Word of God, on what is truly important for them.

This week we have **another opportunity offering spiritual exercises for everyone** with Fr Frankie Cini MSSP. These will take place from Monday 16th to Thursday 19th March at 6:00pm in the Basilica. Immediately afterwards there will be the 6:30pm Mass.

The Prayer Meeting according to the spirituality of Dun Mikiel Attard will not take place so that everyone can attend the Spiritual Exercises. Therefore, the next meeting will be held on Wednesday 15th April.

**Notice for those who carry chains/crosses during the Good Friday Procession**

All those who wish to take part in the Good Friday Procession by carrying chains or crosses are requested to give their name and other details according to the directives listed below:

1. The person carrying the chains or crosses must be at least 18 years old.
2. Each person will be asked to present their identity card to confirm that they are indeed 18 years old or over.
3. In order to maintain the anonymity of participants, those interested should register only with Mario Bugeja on **21558408 / 99558408**.
4. Participants are reminded that they are personally responsible for any physical harm, pain, and/or injuries they may suffer while taking part in the Good Friday Procession carrying chains or crosses.

**Feast of St Joseph — 19th March 2026**

We are organizing a Pilgrimage on foot departing from in front of the Parish Centre at 10:15am to the Parish Church of Qala, where Mass will be celebrated at 11:00am.

The Dun Franġisk Group will provide transport for those who would like to participate in the Mass at Qala but preferring means of transport. The minibus will leave from near the Centre at 10:30am.

Afterwards, for those who wish, we will have lunch at a nearby restaurant. Anyone who will use the minibus should call Tonina on 21553041 / 79923153 or Ġuża on 21552326 / 99228906.

**Retreat for Padre Pio prayer Group**: at 9:00am in the Capuchin Church, Victoria. It will begin with Mass, followed by a conference about St Padre Pio and the Way of the Cross, finishing at 11:30am. Anyone wishing to attend must arrange their own transport.

**Meeting for the Elderly** with the theme "Faith and Old Age" at Dar Manresa. We will begin with Mass and afterwards share some refreshments together. The main speaker will be Bishop Anton Theuma. Those who require transport should contact Lina Mifsud on 99260629.

**Both Cemeteries will be open from 7.00am until 6.00pm.**

---

**Penitential Procession with the statue of the Redeemer:**

Friday 20 March. Departure at 5:30pm from Ta' Said Street corner with North Street. It will end with Mass in the area of Qala Road.

**The Diocesan Way of the Cross** led by Bishop Anton Teuma on Sunday 22 March. Departure is at 4:30pm from the Sanctuary of Ta' Pinu towards Għolja ta' Għammar. The parish will provide transport from the Centre at 3:30pm. Anyone interested should leave their name at the Parish Office by Wednesday 18 March.

**Mass Times**

**Sundays & Feasts:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**From Monday to Saturday:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**Sacred Heart Church: from Monday to Saturday:** 11.00am **Sunday:** 7.00am

**Franciscans Convent Chapel: from Monday to Saturday:** 7.00am
**Sunday:** 6.15am; 10.15am (in English)

**Saint Therese of Calcutta Chapel: Sunday:** 7.30am